A.L. 49 ta' l-1990

ORDINANZA DWAR IL-MEDIĊINI PERIKOLUŻI (KAP. 101)

Ordni ta' l-1990 li jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 10 ta' l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi, il-Ministru tal-Politika Soċjali għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1990 li jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Iskeda".

Kap. 101.

Jemenda it-Taqsima III ta' l-Iskeda.

2. It-Taqsima III ta' l-Iskeda għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-paragrafi 3, 4, 5, 6 u 7 tagħha għandhom jiġu enumerati mill-ġdid 4, 5, 6, 7 u 8 rispettivament;

(b) minnufih wara l-paragrafu 2 tagħha għandu jidħol dan il-paragrafu ġdid li ġej:—

"3. Preparati għall użu mill-ħalq li jkun fihom mhux iżjed minn 135 milligramm ta' bażi ta' *dextropropoxyphene* f'kull unità ta' doża jew b'konċentrament ta' mhux iżjed minn 2.5 fil-mija tal-preparati mhux separati, sakemm dawk il-preparati ma jkunx fihom xi sustanza li tinsab indikata fit-Tielet Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha."; u

Kap. 31.

(ċ) fil-paragrafu 6 tat-test Ingliż kif enumerat mill-ġdid, minflok il-kliem "Preparations of dephenoxylate" għandhom jidħlu l-kliem "Preparations of diphenoxylate".